MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1692/2004

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Galea abbasi tal-polza tal-assikurazzjoni u tal-ligi u l-istess Raymond Galea**

**vs**

**Simon Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta Settembru 2004 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta tmien mija disgha u erbghin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm849.12) rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-vettura tal-attur fl-incident stradali li sehh nhar is-27 ta Lulju 2003 fin-Naxxar bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut numru ISL 222 u dik proprjeta tal-attur numru BBL 317 ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-spejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-12 ta' Ottubru 2004 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li jallega li ma kellu ebda htija ghall-incident stradali in kwistjoni.

Ra x-xhieda prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti nkluz dawk konnessi mal-prova tal-valur tad-danni.

Ikkunsidra:

Illi l-kollizjoni meritu ta dina l-kawza tikkoncerna zewg vetturi li kienu qed jinstaqu fid-direzzjoni opposta ta xulxin fit-trieq li minn Burmarrad twaslek ghat-telgha maghrufa bhala t-telgha ta Alla u Ommu u precizament fejn id-dahla li hemm ma gemb il-Yard tad-dghajjes ta Lonzu Garage.

Skond il-verzjonijiet tas-sewwieqa kif rappurtati minn PS 201 Sandro Magro l-konvenut irrakkontalu li huwa kien tilef xi ftit il-kontroll tal-vettura tieghu u ghalhekk habat fil-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta. Raguni il-ghala tilef il-kontroll ma tahx. Fil-parti tat-trieq fejn sehhet il-habta ma tippermettix zewg vetturi jinstaqu kontra xulxin u xi hadd irid icedi u l-fetha ta Lonzu garage kienet tinsab fuq in-naha tat-trieq mnejn kien gej il-konvenut.

L-attur Raymond Galea jikkonferma bil-gurament tieghu l-verzjoni tieghu gia moghtija lill-pulizija dak in-nhar ta l-incident. Jispjega li ra lill-konvenut javvicinah donnu qed jitbandal u jiskiddja. Huwa pprova jevita billi gibed kemm seta fuq ix-xellug tieghu pero`, l-konvenut xorta wahda baqa gej fuqu.

Il-konvenut baqa ma pprezentax ruhu biex jaghti l-verzjoni tieghu bil-gurament u anqas ma ressaq provi ohra in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu. Skond kif rappurtat mill-pulizija pero`, a fol 13 tal-process huwa jghid li "..I slightly lost control of my vehicle and collided.." Illi ghalhekk ma jezisti ebda dubbju li l-incident in kwistjoni sehh unikament

minnhabba tali telf ta kontroll momentaneju tal-vettura tieghu u kwindi ghandu jinzamm responsabbli ghall-istess.

Illi dwar il-valur tad-danni sofferti dawn jidhru ampjament ipprovati permezz tad-dokumenti esebiti mix-xhud Andrew Pizzuto oltre ghall-fatt li ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni partikolari ghall-istess.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident meritu ta dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk qieghed jichad l-eccezzjoni minnu sollevata jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta tmien mija u disgha u erbghin lira tnax il-centezmu (Lm849.12) bl-imghax legali dekorribbli minn-notifika ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti ghandhom jigu wkoll sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------